MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 254/2002/1

**Is-socjeta Ballut Blocks (Services) Limited**

**Vs**

**Emanuel Cutajar u martu Marthese Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ tlett elef, mija u erba’ Liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm3,104.29), rappresentanti valur ta’ bricks, concrete u materjal tal-bini iehor mibjugh u konsenjati lill-konvenuti mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu taghhom biss.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tletin (30) ta’ Awissu, 2001, u bl-imghax legali dekorribbli mill-hamsa (5)

ta’ Frar 2001 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza b’mod specjali dak verbalizzat a fol 13, 17, 19 u fol 29 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 29 u fol 30 tal-istess atti:-

a) il-konvenuti ghamlu, fil-mori ta’ din il-kawza, pagament akkont tal-ammont pretiz fl-avviz, ammontanti ghal Lm1445.29 u b’hekk it-talba attrici giet ridotta ghas-somma ta’ Lm1659.
b) L-istess konvenut, f’ismu u f’isem l-istess martu, ammetta “dwar l-ammont kif ridott ….. li ghandu jaghti.

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta in rigward l-ammont kif hawn fuq ridott.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm1659 bl-imghax legali mit-30 ta Awissu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Awissu 2001.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------